MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 28/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Joseph Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Ceiling Systems Limited (C 16547) ghas-snin 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2007 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lil-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) u multa addizzjonali ta’ sebgha Euro (€7) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni dara w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Ufficjal tat-Taxxi Interni xehed fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti u fuq kontro-ezami ma setax jghid jekk kien hemm persuni impjegati mas-socjeta` Ceiling Systems Ltd u jekk kien hemm min kienu. Fil-fatt talab l-Avukat sottofirmat sabiex imur l-ufficju l-Furjana jekk irid din l-informazzjoni. B’hekk ma

giex pprovat jekk is-socjeta` Ceiling Systems Limited, kellha impjegati registrati maghha u bhala rizultat ma setax jghid jekk kien hemm bzonn li dawn id-dokumenti jigu pprezentati. Biex il-prosekuzzjoni jkollha success fl-akkuza taghha trid tipprova mhux biss li ma gewx ipprezentati l-FSS, izda li kien hemm applikazzjoni li l-appellant jigi registrat bhala employer u li d-dipartiment koncernat ma rceview applikazzjoni ghal deregistration. Il-Letter to Prosecute, huma biss dak, awtorizzazzjoni li jigi prezentat akkuza, izda mhix fl-atti bhala xi forma ta' prova ghall-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni trid xorta turi 'l hinn minn kull dubju ragonevoli li l-imputat huwa hati. L-akkuzat m'ghandu l-ebda obbligu li jaghmel difiza w b'hekk il-prosekuzzjoni trid taghlaq it-toqob kollha inkluz li ma kien hemm talba ghal deregistration.

Permezz ta' verbal tad-9 ta' Dicembru, 2011 l-appellant ecepixxa preskrizzjoni ghal xi uhud mis-snin imsemmija fic-citazzjoni, izda l-verbal sussegwenti tat-12 t'April, 2012 din l-eccezzjoni giet irtirata, ghalhekk il-Qorti tista` tghaddi direttament fuq il-meritu tal-kaz.

Ikkunsidrat :

Gie ppruvat li l-appellant kien direttur tal-kumpanija Ceiling Systems Limited izda l-appellant qieghed jghid li ma giex ippruvat illi din il-kumpanija kellha xi haddiema u hija obbligu tal-prosekuzzjoni illi tipprova r-registrazzjoni taghhom.

L-appellant instab hati ghas-semplici raguni li kien direttur u ma baghatx "returns". Skond l-appellant biex il-prosekuzzjoni jkollha success fl-akkuza taghha trid tipprova mhux biss illi ma gewx ipprezentati d-dokumenti maghrufa bhala FSS izda li kien hemm applikazzjoni li l-appellant jigi registrat bhala employer u li d-Dipartiment koncernat ma rrceviex applikazzjoni ghal "deregistration".

Ikkunsidrat :

Bir-rispett din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument, u hawnhekk taghmel referenza ghal regolament numru

20/1998. Il-prospett mensili jrid jintbaghat puntwalment kull xahar anki jekk ikun “Nil”. Dana jfisser kwindi, sakemm il-kumpanija ghada tezisti d-direttur huwa obbligat illi jibaghat ir-“returns” lid-Dipartiment koncernat anki jekk ma jkollux haddiema. Dan l-obbligu jieqaf biss mad-deregistrazzjoni tal-kumpanija. Ma hemmx dubju illi fiz-zmien ikkwotat fic-citazzjoni, l-kumpanija kienet ghada tezisti u ghalhekk l-appellant, bhala direttur, kien fl-obbligu illi jibaghat ir-“returns” opportuni ghal perjodu illi kien imexxi l-kumpanija. Dan l-obbligu jibqa` anki wara d-direttur ikun irrizenja minn dik il-kariga.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt u mhux il-kaz li tirrepeti ruhha hawnhekk.

Ghalhekk fuq il-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, dina setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba dik id-deskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------